MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 744/1996/2

**Jennifer Borg.**

**vs.**

**Terence Agius u b'digriet datat 14 ta' Mejju 1997 s-socjeta' Middlesea Insurance p.l.c. giet ammessa bhala intervenut fil-kawza *in statu et terminis.***

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici datata 5 ta' Marzu 1996 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tar-regoli ta' komportament

mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu ta' l-attrici, gew ikkagunati danni meta fis-17 ta' Novembru 1995 ghal xi 6.30. p.m. fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa il-konvenut habat bil-karozza li kien qed isuq li ggib in-numru ta' ragistrazzjoni X – 2694 fil-karozza tal-attrici Fiesta bin-numru 0 – 2666;

Illi dawn id-danni jikkonsistu fil-hsara fil-karozza, u l-kiri ta' karozza ohra.

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attrici meta fis-17 ta' Novembru 1995 ghal xi 6.30. p.m. fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa il-konvenut habat bil-karozza li kien qed isuq li ggib in-numru ta' registrazzjoni X – 2694 fil-karozza ta' l-attrici Fiesta bin-numru 0 – 2666;

2. Tillikwida dawn id-danni kagjonati jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni inkluzi l-ispejjez ohra tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 1996.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *noe* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tas-7 ta' Novembru 1996.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tas-7 ta' Novembru 1996, 3 ta' Dicembru 1996 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi sabiex tisma' l-provi, 19 ta' Frar 1997, 29 ta' April 1997, 2 ta' Lulju 2007, 22 ta' Settembru 1997, 22 ta' Jannar 1998 u 10 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 4 ta' Gunju 1999, 26 ta' Novembru 1999, 10 ta' Jannar 2000, 9 ta' Mejju 2000, 3 ta' Ottubru 2000, 9 ta' Jannar 2001, 24 ta' April 2001, 17 ta' Ottubru 2001, 6 ta' Frar 2002, u 12 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tas-6 ta' Novembru 2002, 23 ta' Jannar 2003, 27 ta' Jannar 2003, 27 ta' Frar 2003 u 7 ta' April 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 20 ta' Gunju 2003, 9 ta' Ottubru 2003, 30 ta' Jannar 2004, 23 ta' Marzu 2004, 30 ta' Gunju 2004, 2 ta' Novembru 2004, 14 ta' Jannar 2005, l-1 ta' Marzu 2005, 20 ta' April 2005 fejn gie revokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi; tal-11 ta' Mejju 2005, 23 ta' Gunju 2005, u 11 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta datati 16 ta' Jannar 2006, 2 ta' Mejju 2006, 15 ta' Gunju 2006, u tal-21 ta' Novembru 2006 fejn il-Qorti tat il-fakolta' li jigu pprezentati noti ta' osservazzjonijiet fit-termini hemm indikati u fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2007.

Rat ir-rikorsi tas-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited datati 14 u 27 ta' Jannar 1997 sabiex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis,* u digriet datat 14 ta' Mejju 1997 fejn giet milqugha l-istess talba.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 5 ta' Awissu 1997 fejn talbet korrezzjoni tac-citazzjoni attrici fis-sens li n-numru ta' registrazzjoni tal-karozza ta' l-attrici indikat fic-citazzjoni attrici bhala 0 – 2226 jigi mibdul ghal dak numru 0 – 2666 u d-digriet datat 10 ta' Jannar 2007 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat is-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi datati 4 ta' Frar 1997 fejn xehdet l-attrici u Mark Attard, 7 ta' Marzu 1997, 5 ta' Gunju 1997, 25 ta' Gunju 1997, 18 ta' Settembru 1997, 9 ta' Dicembru 1997, 9 ta' Jannar 1997, 3 ta' Frar 1998, 19 ta' Frar 1998, 17 ta' Marzu 1998, 4 ta' Gunju 1999, 20 ta' Frar 2001, 5 ta' April 2001, 23 ta' Jannar 2002, 5 ta' Settembru 2003, 14 ta' Ottubru 2003, 20 ta' Ottubru 2003, 31 ta' Ottubru 2003, fejn ma sar xejn; tal-24 u 29 ta' Lulju 1997 fejn xehed Charles Attard; tas-16 ta' Ottubru u 21 ta' Novembru 1997 fejn xehed P.S. Mario Pandolfino; tas-17 ta' Mejju 1999 fejn xehed Terrence Agius; tat-30 ta' Settembru 1999 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami.

Rat is-seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli datata 8 ta' Marzu 2006 fejn ma sar xejn.

Rat id-digriet datat 21 ta' Novembru 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' intervenuta fil-kawza b'dan li isem l-istess socjeta' kellu jigi ndikat bhala dak ta' "Middlesea Insurance plc".

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat fil-5 ta' Lulju 1996 huwa baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u baqa' kontumaci.

Rat r-rikors tas-socjeta' intervenuta fil-kawza datat 5 ta' Dicembru 2006 u d-digriet datat 6 ta' Dicembru 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza datata 21 ta' Dicembru 2006.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha prezentati mill-partijiet u l-intervenut fil-kawza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar kollizzjoni li grat fis-17 ta' Novembru 1995 ghal xi 6.30 p.m. fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa bejn il-konvenut li kien qed isuq il-karozza li ggib in-numru ta' registrazzjoni X – 2694, u l-attrici li kienet qed issuq il-karozza tat-tip Fiesta bin-numru 0 – 2666;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet gejja minn Hal Luqa meta l-konvenut li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Qormi, injora ghal kollox is-sinjal li hemm fit-triq sabiex jaghti d-dritta u jcedi jew *give way* lit-traffiku li kien ghaddej minn Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, u baqa' ghaddej qiesu ma kien hemm xejn, bir-rizultat li baqa' diehel fil-vettura ta' l-attrici hekk kif ukoll indikat fl-iskizz esebit bhala Dok. "MP 3" a fol. 1 tal-process.

Illi fil-fatt fir-*Road Accident Report* jinghad li *"l-vettura X – 2694 kienet gejja mid-direzzjoni ta' Hal Qormi sejra lejn Rahal il-Gdid u x'hin wasslet fuq il-give way sign li hemm fit-Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa fejn id-Dinitrol Centre baqa' hiereg u habat mal-vettura 0 – 2666 li kienet qed taqsam min-naha taz-Zurrieq sejjer lejn Hal Luqa".*

Illi l-istes rakkont gie ndikat fl-okkorrenza li giet esebita bhala Dok. "MP 2" a fol. 50 tal-process fejn jinghad li:-

*"is-sewwieq tal-vettura X 2694 meta gie mistoqsi kif gara l-incident qal li kien gej minn naha ta' Hal Qormi u sejjer lejn Rahal Gdid u meta wasal fuq il-give way sign li hemm quddiem id-Dinitrol Center baqa' hiereg u habat mal-vettura l-ohra li kienet qed taqsam Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa. Is-sewwieq tal-vettura 0 – 2666 Jennifer Borg qalet li kienet gejja mid-direzzjoni taz-Zurrieq u qed*

*taqsam Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa biex tmur lejn Hal Luqa meta l-vettura l-ohra baqghet diehla fuqha".*

Illi dan ir-rapport ta' l-incident gie kkonfermat minn Mario Pandolfino ex surgent tal-Pulizija li hejja l-iskizz relattiv li jinsab esebit bhala Dok. "MP 2" a fol. 49 tal-process, u mill-istess jidher car, u allura ppruvat li l-attrici kienet gja fit-triq imsemmija meta l-konvenut, bla ma ha ebda prekawzjoni ta' xejn, u bla ma osserva il-*give way sign* li hemm fl-istess triq minn fejn huwa kien gej, u li tidher cara fl-iskizz, huwa baqa' ghaddej ghad-dritt qisu mhux huwa, u spicca biex baqa' diehel dritt fil-vettura misjuqa mill-attrici, u mill-iskizz jidher car u fuq kollox ikkonfermat li kien il-konvenut li habat mal-attrici u spicca dritt ghal fuqha, bla ma ha ebda azzjoni evasiva jew xi forma ta' prekawzjoni, anzi jidher li injora s-sinjal li hemm fit-triq sabiex jaghti dritta lill-utenti l-ohra li kienu fuq it-triq, almenu qabel ma' jaqbez l-linji ntermittenti li hemm fuq il-parti tat-triq minn fejn kien gej jew hiereg huwa.

Illi huwa sintomatiku dak li nghad f'dan ir-rigward fid-decizjoni **"Carmel Camilleri vs Leone Pillow"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 1997) u cjoe":-

*"Illi s-surgent li jikkonduci l-investigazzjoni "huwa recorder tal-"res gestae" u hu fid-dover tieghu qabel xejn, bhal parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif jirrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza".*

Illi fid-decizjoni **"Stefan Bonello vs Carmelo sive Charles Abela"** (P.A. (PS) – 21 ta' Ottubru 2002) inghad li:-

*"Dan ifisser illi meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali ghandu jittiehed li jaghmel prova ta' dak li juri",* u dan japplika ghall-okkorrenza u ghar-*road accident report,* u ghal dak li l-partijiet ikunu qalu *a tempo vergine* lill-istess ufficjal. F'dan is-sens dak li qal il-konvenut ezatt wara l-incident ghandu mportanza massima.

Illi fil-fatt fil-kaz odjern dak li qal il-konvenut fil-hin ezatt wara l-incident gie bla tlaqliq ta' xejn ammess mill-istess konvenut innifsu fix-xhieda tieghu testwali li ta f'din il-kawza u ezatt fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1999 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fejn qal:-

*"Qed nigi muri l-isketch u nghid li l-car tieghi kienet il-Hyundai X- 2694. Jiena kont gej minn Hal Qormi ghar-Rahal Gdid. Hbat mal-attrici. Jiena bqajt hiereg minn dik it-triq meta suppost kelli nieqaf. Jien dejjem naf li ghamilt hekk".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din hija xejn inqas minn ammissjoni ta' responsabbilta' *da parte* tal-konvenut, li iktar importanti qed jammetti li huwa bl-ebda mod ma waqaf sabiex jesplora t-triq qabel ma jidhol fit-triq fejn sar is-sinistru, u mhux biss izda jghid li ghalkemm kien jaf u konxju tal-fatt li kien hemm sinjal sabiex jieqaf u jaghti d-dritta lill-utenti tat-triq quddiemu, huwa njora dan ghall kollox u baqa' ghaddej ghad-dritt b'perikolu evidenti u ovvju ghall-utenti ta' l-istess triq, inkluza l-attrici li gja kienet qed tuza l-istess triq sabiex tmur fid-direzzjoni ta' Hal Luqa. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li s-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-istess incident.

Illi hawn huwa sintomatiku li jigi ripetut dak li nghad mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 fis-sens li:-

*"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta` u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi jinghad ukoll li wiehed irid isib f'kull kaz il-kawza prossima tal-istess incident u f'dan il-kuntest japplika dak li nghad fil-kawza **"Amadeo Mea vs Carmelo Vella"** (A.C. 24 ta' Jannar 1966) li ghall-fini ta' allokament ta' responsabbilta` ghall-kollizzjoni dak li legalment ghandu jigi rigwardat hu n-ness ta' kazwalita' prossima u effettiva tal-istess sinistru.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, m'hemm l-ebda dubju li l-attrici kienet gja qieghda fit-triq fejn gara s-sinistru u meta l-konvenut kien ghadu ser jidhol jew jittraversa l-istess, tant li l-konvenut, kellu l-obbligu li jcedi d-dritta lill-utenti ta' l-istess, u b'hekk jieqaf u jesplora t-triq qabel ma jaqsam il-linji tat-triq minn fejn kien gej; dan il-konvenut mhux talli ma ghamlux talli ammetta li ghalkemm konxju li kellu jieqaf sabiex icedi ghat-traffiku quddiemu, u ma ghamel xejn minn dan u baqa' sejjer, u b'hekk sehh is-sinistru mal-karozza ta' l-attrici; fil-fatt l-impatt ma' l-istess karozza kien wiehed dirett u qawwi u ma kien hemm xejn x'jilqa' proprju ghaliex b'negligenza kbira l-konvenut baqa' ghaddej u ma obdiex ir-regoli tat-traffiku, qisu fil-fatt lanqas jimportah minnhom, tant li qal li huwa mhux f'din l-okkazzjoni biss hekk ghamel, izda jidher li ghamel hekk kull darba.

Illi b'dan il-mod jista' jinghad li l-istess konvenut kisser principju bazilari iehor tas-sewqan u cjoe' dak li f'materja ta' sewqan il-prekawzjoni u l-obbligu li jigi evitat incident huwa dak li huwa  primarju ghal kull utent tat-triq.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kien dejjem jinkombi l-obbligu fuq il-konvenut li jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jaqsam biex imur fejn ried imur. Evidentement dan naqas li jaghmlu ghax bla ma fl-ebda hin waqaf il-karozza tieghu huwa baqa' ghaddej ghad-dritt bil-konsegwenza li lanqas biss ra lill-attrici u baqa' diehel dritt fuqha. Dan huwa sewqan li din il-Qorti tikkonsidra mhux biss negligenti, u kontra n-nuqqas tar-regolament tat-traffiku, izda wiehed perikoluz ghall-ahhar u anke sperikolat ghaliex injora kull regola ta' prudenza u naqas li jzomm *proper look out* u b'hekk fixkel il-*flow of traffic,* b'perikolu car u ovvju ghall-istess traffiku.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **"Anthony Fabri nomine vs Edward Attard"** (M. 28 ta' Mejju 2001) fejn inghad li:

*"jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tieghu u l-utenti l-ohra tat-triq. Dawn il-mizuri jinkludu fost affarijiet ohra 'a proper look out' ghall–vetturi l-ohra kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra … ….".*

Illi huwa veru li kif inghad fis-sentenza **"Salvatore Bongailas vs Joseph Mercieca"** (A.C. 20 ta' Jannar 1967) kull kaz ghandu jigi mgharbel in bazi ghall-*fattispecie* tieghu, izda kif inghad fis-sentenza fuq citata u wkoll f'dik fl-ismijiet **"Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. vs Alan Muscat"** (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju 2000) u wiehed irid jhares dejjem lejn l-principji fuq stabbiliti dwar id-dritta tat-triq u ghar-regolamenti tat-traffiku u ghalkemm tali regoli ma humiex ligi, xorta huma indizzjali ghall-sewqan prudenti, li l-ewwel konsiderazzjoni taghhom mhux li jistabbilixxu dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq taghna, u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-istess regola, u l-gurisprudenza fuq indikata tattribwixxi grad ta' responsabbilta` ferm ikbar fuq il-konvenut li kien qed jikser il-*flow of traffic,* anke ghaliex il-konsistenza tar-regoli fis-sewqan, bhal konsistenza f'kull haga ohra, jghinu sabiex l-istess utenti tat-toroq jkunu jistghu ahjar jirregolaw ruhhom, u b'hekk jigu evitati aktar sinistri. Dan ma jidderogax mill-principju li kull kaz jigi deciz fuq il-mertu u l-*fattispecie* tieghu, pero' r-regoli tas-sewqan dejjem qeghdin hemm, kif ukoll l-eccezzjonijiet ghall-istess regoli, liema eccezzjonijiet jigu biss applikati f'kazijiet specifici u determinati. Kien dover tal-konvenut f'dan il-kaz li jaghti kaz ghas-sinjali fit-triq li kienu jindikaw li huwa kellu josserva il-*"give way sign",* haga li l-konvenut, jidher li bla dispjacir jew rimors ta' xejn, injora ghal kollox, u dan irrendi s-sewqan tieghu l-kawza prossima ta' l-incident.

Illi dan huwa wkoll ibbazat fuq dak li gie ritenut fis-sentenzi **“ Hugh Zammit noe et vs Keith Farrugia”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Gunju 2001) u **“Emmanuel Genovese vs Mario Borg”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2000) u **“Jesmond Bonello vs Giulio Baldaccchino”** (A.C. 15 ta’ Jannar 1997) fejn gie kkonfermat li f’materja ta’ responsabbilta` ta’ ncident wiehed ghandu dejjem ihares fuq il-kawza prossima ta’ l-incident u dan b’riferenza ghall-obbligi tas-sewwieqa u r-regolamenti li ghandhom jobdu. Jidher car li f’dan il-kaz l-imsemmi konvenut ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu, kien traskurat tant li njora r-regoli tat-traffiku li kienu quddiemju fl-istess triq, b’dan li bl-ebda mod ma’ jista’ jinghad li huwa ta xi gustifikazzjoni plawsibbli ghal dan is-sewqan traskurat tieghu, anzi jidher li huwa trankwil dwar l-istess, tant li ammetta mill-ewwel u f’kull stadju li ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku – li hija auto-inkolpazzjoni massima.

Illi min-naha l-ohra ma hemm xejn li din il-Qorti tista’ tiskontra fil-komportament ta’ l-attrici li jista’ jadebixxi xi responsabbilta` fl-istess, u dan ghaliex jidher car li l-konsegwenza tan-negligenza u mperizja tal-konvenut li josserva r-regolamenti tat-traffiku u wkoll li jaghti d-dritta lil min kien gja fuq it-triq, bhal ma kienet l-attrici, pogga lill-attrici f’posizzjoni mpossibbli sabiex tevita s-sinistru, b’dan li l-istess konvenut bin-nuqqas tieghu pogga ruhu f’*self inflicted incapacity* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *sudden emergency* lill-utenti tal-istess triq uzata u perkorsa mill-attrici. **(“Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt”** (P.A. (RCP) 26 ta’ April 2001); **“Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2001); **“Simon Spiteri vs Louis Caruana”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Ottubru 2001); **“Fogg Limited nomine vs Jesmond Ellul” (**P.A. (RCP) 22 ta’ Jannar 2002)).

Illi fic-cirkostanzi l-attrici ma setghtax tevita l-incident izda dan ma ghandux iwassal sabiex tigi apporzjonata lilha xi responsabbilta` ghall-istess incident ta’ liema grad tkun u dan anke *in vista* ta’ dak li nghad fis-sentenza **“Alexander Bartolo vs Kalcidon Micallef”** (P.A. 16 ta’ Frar 1972) fejn gie ribadit:-

*"Illi l-fatt li l-attur ma rnexxielux jevita l-kollizzjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffacjat b'sudden emergency u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-*

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz l-attrici) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara **"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"** deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizzjoni ma kienitx issir. … … … … Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*konvenut *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha.".*

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-istess incident.

Illi dwar danni l-attrici qed tallega li kawza ta' l-incident hija soffriet danni estensivi fil-karoza taghha u dan kif jidher mir-rapport ta' *surveyor* Charles Attard datat 4 ta' Dicembru 1995 (fol. 43) u dan fl-ammont ta' Lm1,300, izda jidher car li fix-xhieda tieghu moghtija fid-29 ta' Lulju 1997 l-istess *surveyor* ghamila cara anke fil-bran ikkwotat mill-intervenut fil-kawza fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li l-hsarat minnu riskontrati kienu iktar minn dawk indikati fl-iskizz tal-Pulizija u partikolarment fejn kien hemm daqqiet fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem il-bieba, tant li jghid li *"Meta jiena rajt il-vettura bl-iskop li jsir is-survey report nghid li kien hemm hsarat iktar estensivi*

*inkluz daqqa fuq in-naha ta' quddiem il-bieba tax-xellug, inkluz is-saqaf u l-windscreen"* tant li jghid ukoll li l-istess hsarat kienu iktar estensivi minn dak indikat fl-istess skizz. Mhux biss izda jghid b'mod kategoriku li d-daqqiet fuq il-karozza ta' l-attrici ma kienux kompatibbli ma' dawk sofferti fil-karozza tal-konvenut u wkoll ma' l-incident in kwistjoni tant li jghid:-

*'Meta tara l-genb tal-Fiesta rigward hsarat, jiena nghid li l-hsarat ta' dik il-vettura huma ferm aghar mill-hsarat li kien hemm fuq il-Hyundai li dehru ferm inqas. M'humiex ghalhekk fl-opinjoni tieghi kompatibbli".*

Illi fil-fatt jinghad li fl-iskizz originali il-hsarat fuq il-karozza ta' l-attrici kienu dawk indikati fuq il-parti ta' wara ghalkemm fl-okkorrenza hemm indikat li kien hemm hsarat kemm fuq quddiem in-naha tax-xellug u fuq il-genb in-naha ta' wara fuq l-istess naha bil-*windscren* imkisser, izda dawn ukoll huma ghal sostanzjalment differenti u ta' entita' inqas sew minn dawk indikati fit-ritratti esebiti minn Dok. "RB 1"  sa Dok. "RB 9" tant li l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-istess incident, Mario Pandolfino (ex Surgent) meta muri l-istess ritratti qal li:-

*"Ma nistax niftakar sew. Nghid li kieku rajt dawk il-hsarat fuq il-vettura in kwistjoni kont inizzel iktar marki fuq l-isketch"* u partikolarment irrefera ghall-fatt li fuq l-istess skizz ma ndikax l-hsarat li gew sofferti fl-istess karozza fuq is-saqaf u fuq il-genb kollu partikoralment u fil-fatt qal li:-

*"Qed nigi muri Dok. MP2 u nghid li r-rapport mhux konformi mar-ritratti rigward is-saqaf u l-genb kollu tal-karozza. Ir-rota meta titqaccat is-soltu nnizluha".*

Illi dan kollu jitfa' dubju serju fuq l-allegazzjonijiet attrici dwar l-entita' ta' hsara sofferta mill-attrici fil-karozza taghha, u dak allegat minnha huwa inkonsistenti mad-dokumenti u x-xhieda fuq indikata, tant li din il-Qorti thoss li gie pruvat li l-hsarat indikati mill-attrici ma kienux dawk fil-fatt ikkawzati fl-incident in kwistjoni u ghalhekk din il-Qorti thoss, li l-attrici ma rnexxiliex tipprova d-danni

minnha reklamati anke minhabba dak premess u fuq kollox ghaliex jidher li d-danni li hija qed tippretendi f'din il-kawza ma humiex kompatibbli ma' dawk li gew ikkawzati fl-incident in kwistjoni, u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li t-tieni u tielet talba ma jistghux jigu milqugha u dan anke minhabba r-ragunijiet indikati fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, fil-waqt li **tichad it-tieni u t-tielet talba attrici** minhabba dak hawn deciz, **tilqa' biss l-ewwel t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attrici meta fis-17 ta' Novembru 1995 ghal xi 6.30 p.m. fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa il-konvenut habat bil-karozza li kien qed isuq li ggib in-numru ta' registrazzjoni X – 2694 fil-karozza tal-attrici Fiesta bin-numru 0 – 2666;

Bl-ispejjez ta' l-ewwel talba attrici a karigu tal-konvenut, fil-waqt li l-ispejjez tat-tieni u t-tielet talba attirici jibqghu a karigu ta' l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------